MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2005

Numru 384/2005

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Bartolo)
vs
Joseph Zammit, iben Anthony,
imwieled il-Gżira fl-10 ta'
settembru, 1978

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'Pembroke, fit-12 ta' jannar, 2005 f'xi ħin bejn id-9.15 p.m. u l-10.30 p.m., bil-ħsieb li jikkometti serq ta' oġġetti mill-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni BJH 029, ikkwalifikat bil-ħin, bil-mezz, bil-valur li ma jiskorriex l-elf lira maltin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta' Clive Camilleri minn Birkirkara, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema

delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BJH 029, liema ħsara ma tiskorriex il-ħamsin lira maltin imma kienet iżjed minn għaxar liri maltin, li saret għad-dannu ta' Clive Camilleri minn Birkirkara;
3. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li nstab ħati b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' ġunju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u li obbligu ruħu li jħallas id-danni li hu għamel.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41, 49, 50, 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------